**FESTA TAL-EWWEL TQARBINA**

It-tieni prova għat-tfal se ssir **it-Tlieta 20 ta' Mejju fil-5.30pm** fil-knisja.

Il-Quddiesa tal-Ewwel Tqarbina se ssir **il-Ħadd 25 ta' Mejju, fl-10.00am**, fil-Bażilika.



Għall-purċissjoni tat-tfal:

- il-bniet jiltaqgħu għand is-Sorijiet Franġiskani.
- is-subien jiltaqgħu fil-qasam tal-MUSEUM tagħhom.

It-tfal jiltaqgħu **fit-8.15am** biex jieħdu xi ritratti tal-okkażjoni.

Il-purċissjoni lejn il-knisja titlaq fid-**9.30am** minn ħdejn il-Każin tal-Futbol.

**NB. Il-quddiesa tal-11.00am issir fis-sala parrokkjali fi Triq Xandriku.**

**Ejjew NITOLBU u NAWGURAW lill-25 tifel u tifla**
li ser jirċievu l-Ewkaristija għall-ewwel darba.

**Opportunità ta' laqgħat ta' formazzjoni għal kull età:**

Grupp Anzjanità Attiva: **"Aħna, uliedna u wlied uliedna"**; nhar il-Ħadd 18 ta' Mejju fil-5.00pm, fl-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof. Imexxi l-laqgħa l-Isqof Anton Teuma.

Grupp Empty Nesters: **"Uliedna jmorru jgħixu Malta. X'jinbidel?"**, nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju fis-7.30pm; fl-iskola Sir M.A. Refalo. Imexxi l-laqgħa Mr Michael Galea.

Grupp Terza Età: **"Kif nagħmlu testment"**; nhar l-Erbgħa 28 ta' Mejju fl-10.00am; f'Villa Fiorita. Imexxu l-laqgħa Dun Brendan Gatt u Dr Maria Vella Magro.

**AVVIŻI:**

Nhar l-Erbgħa 21 ta' Marzu, fil-knisja Bażilika ser issir laqgħa oħra ta' talb fuq l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel Attard. Il-laqgħa ser titmexxa mill-Kan. Dun Reuben Micallef u li fiha Mons. Anton Borg ser ikellemna fuq il-konoxxenza ta' Dun Mikiel. Tibda fis-6.15pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Facebook*.

Nhar il-Ħamis 22 ta' Mejju, festa ta' Santa Rita, ser nipparteċipaw għall-quddiesa tal-festa fil-Knisja tal-Agostinjani, fi Pjazza Santu Wistin ir-Rabat (ħdejn l-Oratorju Don Bosco). Nitilqu fid-9.30am minn ħdejn iċ-Ċentru. Ċemplu lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

Nhar il-Ħadd 25 ta' Mejju anniversarju tat-twelid ta' San Piju tal-Pjagi: fil-knisja tal-patrijiet Kapuċċini fir-Rabat. Ikun hemm quddiesa fid-9.00am.

Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Mejju fis-7.15pm nistednukom fis-Sala tal-Iskola Primarja tan-Nadur għal taħdita minn Dr Simone Azzopardi: "Ħarsa mill-arkivji dwar l-Iskola tan-Nadur". Ikun hemm ukoll ritratti antiki tal-iskola għall-wiri.

Il-Banda Mnarja ser tagħmel it-tieni u l-aħħar ġabra għall-festa li ġejja minn nhar il-Ħamis 22 ta' Mejju. Importanti li kulħadd jagħti sehmu biex issir festa li tixraq lill-patruni tagħna San Pietru u San Pawl. Ta' kull sena, il-Banda tħallas il-marċijiet kollha li jsiru fil-ġranet tal-festa. Il-ġbir huwa ferm inqas mill-ispejjeż tal-baned fil-festa għalhekk nitolbukom tkunu ġenerużi. Nirringrazzjawkom bil-quddiem tad-donazzjonijiet tagħkom.

Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Mejju ser jingħad ir-Rużarju fil-playing field tal-Ħali fis-6.00pm.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am